

31965L0469

26.10.1965

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

178/2793

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-25 ta' Ottubru 1965****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-materjali koloranti awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

(65/469/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Membri għandhom għalhekk jitħallew jawtorizzaw sal-31 ta' Diċembru 1966 l-użu fl-oġġetti ta' l-ikel il-materjali koloranti li ma jikkorrispondux ma' daww il-kriterji;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,Billi d-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 ⁽³⁾ dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-materjali koloranti għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu kkorreġuti u amplifikati;

Billi, b'mod partikolari, ir-riċerka li qiegħda titwettaq fil-preżent sabiex tasal għal stima eżatta tal-materjali koloranti elenkati fl-Anness II mad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 ma tistax titlesta fil-perjodu taż-żmien ta' tliet snin wara n-notifika ta' dik id-Direttiva iffissat fl-Artikolu 2; billi dan il-perjodu taż-żmien għandu għalhekk jiġi mtawwal sal-31 ta' Diċembru 1966;

Billi f'ċerti Stati Membri ġew iffaċċjati diffikultajiet serji meta kienu qegħdin jiġu applikati, rigward il-kontenut taċ-ċomb, il-kriterji ġenerali tal-purezza stabbiliti fit-Taqsima A(1)(a) ta' l-Anness III mad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962; billi l-Istati

Billi d-definizzjoni tal-karamella, kif mogħtija fl-Anness I mad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962, twassal għall-esklużjoni ta' l-użu ta' ċerti varjetajiet ta' dan il-prodott għall-għoti tal-kulur lill-oġġetti ta' l-ikel; billi din l-esklużjoni mhix iġġustifikata, għaladarba dawn il-prodotti ma jipperikolawx is-saħħa tal-bniedem jekk il-kompożizzjoni tagħhom tissodisfa ċerti kriterji speċifiċi tal-purezza;

Billi l-prodotti li ugwalment ma jagħmlux ħsara għas-saħħa tal-bniedem u li huma ta' użu ġenerali ġew imħallija barra mill-lista tal-karotenojdi u l-ksantofilli u mill-lista tal-prodotti awtorizzati li jiddilwu jew iħallu l-materjali koloranti;

Billi, finalment, l-orċein kif iddefinit fl-Anness I mad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 mhux fl-użu ġenerali bħala materjal koloranti; billi, mill-banda l-oħra, l-orċein issulfonat huwa fl-użu ġenerali f'ċerti Stati Membri sabiex jagħti l-kulur lill-oġġetti ta' l-ikel; billi dawn l-Istati Membri għandhom jiġu mħallija jżommu temporanjament ir-regoli tagħhom li jirrigwardaw dan il-prodott bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti għall-prodotti koperti bl-Artikolu 2 tad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962;

⁽¹⁾ ĠU 117, tas-6.11.1964, p. 2819/64.⁽²⁾ ĠU 63, tat-13.4.1965, p.965/65.⁽³⁾ ĠU 115, tal-11.11.1962, p. 2645/62.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 (minn issa 'l quddiem imsejħa d-"Direttiva") għandha tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

"L-Artikolu 2

1. Sal-31 ta' Diċembru 1966 l-Istati Membri jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet tar-regoli eżistenti nazzjonali tagħhom li jirrigwardaw il-materjali koloranti elenkati fl-Anness II.

2. Qabel id-data ffissata fil-paragrafu 1 il-Kunsill jista', skond l-Artikolu 100 tat-Trattat, jieħu deċiżjoni dwar proposta għal direttiva li tawtorizza l-użu ta' dawn il-materjali koloranti. L-awtorizzazzjoni tista' tiġi konċessa biss jekk, wara investigazzjoni xjentifika, dawn il-materjali koloranti jiġu ppruvati li ma jagħmlux ħsara għas-saħħa u jekk l-użu tagħhom huwa meħtieġ għal raġunijiet ekonomiċi. Fejn il-Kunsill ma jkunx ħa azzjoni qabel id-data ffissata fil-paragrafu 1, għandu japplika l-Artikolu 12."

2. Mal-lista tal-prodotti mogħtija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva għandhom jiżdiedu l-prodotti li ġejjin:

"L-Aċidu ċitriku

L-Aċidu tartariku

L-aċidu lattiku

Il-Ġelatina

Il-Pektini

L-Ammonju, L-Alġinati tas-Sodju u tal-Potassju

L-esteri ta' l-aċidu askorbiku ta' l-aċidi xaħmin mingħajr friegħi C_{14} , C_{16} u C_{18} (awtorizzati esklużivament għall-materjali koloranti elenkati skond in-Nri E 160 u E 161 fl-Anness I)."

3. It-test ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva għandu jsir il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 8 u għandu jiġi miżjud il-paragrafu 2 li ġej ma' dan l-Artikolu:

"2. Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu l-iktar tard sal-31 ta' Diċembru 1966 jawtorizzaw l-użu fl-oġġetti tal-ikel il-materjali koloranti

elenkati fl-Anness I li ma jissodisfawx il-kriterji ġenerali tas-tal-purezza stabbiliti fit-Taqsima (A)(1)(a) fl-Anness III, rigward il-kontenut taċ-ċomb."

4. L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva għandu jiġi emendat biex jaqra kif ġej:

"2. Meta tapplika l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 2(2), id-data ffissata fl-Artikolu 2(1) għandha tiġi mibdula bid-data tan-notifika riferita fil-paragrafu ta' qabel."

L-Artikolu 2

Għandhom isiru l-emendi li ġejjin għall-Anness I mad-Direttiva:

E 141

Fil-kolonna intestata "CI" għandha tiddaħħal iċ-ċifra "75810".

E 150

It-test fil-kolonna intestata "Il-Formola jew id-deskrizzjoni kimika" għandu jiġi miktub fil-kliem li ġej:

"Prodott miksub esklużivament bit-tisħin tas-sukrosi jew ta' zokkor ieħor li jittiekel, jew prodotti amorfi somor, li jinħallu fl-ilma, miksuba mill-azzjoni kkontrollata tas-sħana fuq iz-zokkor li jittiekel fil-presenza wieħed mill-komposti kimiċi jew iktar li ġejjin:

— l-aċidu aċetiku, l-aċidu ċitriku, l-aċidu fosforiku, l-aċidu sulfuriku u d-diossidu tal-kubrit;

— l-ammonju, l-idrossidi tas-sodju u tal-potassju u l-gass ta' l-ammonju;

— l-ammonju, il-karbonati tas-sodju u tal-potassju, il-fosfati, is-solfati u s-sulfiti."

E 160

Taħt il-(a):

— fil-kolonna intestata "Schultz" għandha tiddaħħal iċ-ċifra "1403";

— fil-kolonna intestata "CI" għandhom jiddaħħlu iċ-ċifri "1249a" u "75130";

— fil-kolonna intestata "DFG" għandha tiddaħħal iċ-ċifra "108";

— fil-kolonna intestata "Il-Formola jew id-deskrizzjoni kimika" il-għamla tal-kliem għandha tkun "Il-Prodotti predominement ta' forma trans".

Taħt il-(b):

- fil-kolonna intestata “Schultz” għandha tiddaħħal iċ-ċifra “1738”;
- fil-kolonna intestata “CI” għandhom jiddaħħlu ċ-ċifri “(1241)” u “75120”;
- fil-kolonna intestata “DFG” għandha tiddaħħal iċ-ċifra “109”.

Taħt id-(d):

- fil-kolonna intestata “CI” għandha tiddaħħal iċ-ċifra “75125”,
- fil-kolonna intestata “Il-Formola u d-deskrizzjoni kimiċi” il-għamla tal-kliem għandha tkun “Il-Prodotti predominantement ta’ forma trans”.

Wara d-(d) għandu jiżdied dan li ġej:

L-isem komuni	Schultz	CI	DFG	Il-Formola jew id-deskrizzjoni kimika
(e) Il-Beta-apo-8’ il-karotonal (C 30)	—	—	—	Prodotti predominantement ta’ forma trans
(f) L-Etil ester tal-beta-apo-8’ – l-aċidu karotenju (C 30)	—	—	—	Prodotti predominantement ta’ forma trans

E 161

Fil-kolonna intestata “Il-Formola jew id-deskrizzjoni kimika” il-għamla tal-kliem għandha tkun: “Il-ksantofilli huma d-derivati ketoniċi u/jew idroksiliċi tal-karoteni.”

Taħt id-(d) fil-kolonna intestata “CI” għandha tiddaħħal iċ-ċifra “75135”.

Wara l-(f) għandu jiġi miżjud dan li ġej: “(g) Il-Kantaksantin”.

E 163

Fil-kolonna intestata “Il-Formola jew id-deskrizzjoni kimika” il-għamla tal-kliem ta’ l-aħħar paragrafu għandu jkun kif ġej:

“L-antoċjanini jistgħu jinkisbu biss mill-frott li jittiekel jew mill-ħaxix ta’ l-ikel bħall-frawli, iċ-ċawli, iċ-ċirasa, il-għanbaqar, il-lampun, it-tut, il-passolina sewda, il-passolina ħamra, il-kaboċċi ħamra, il-basal l-aħmar, il-cranberries, il-mirtill, il-brinġiel, il-għeneb u s-sebuk.”

E 172

Fil-kolonna intestata “Schultz” għandhom jitħassru ċ-ċifri “1276” u “1311”.

L-Artikolu 3

Il-materjali koloranti li ġejjin għandhom jiġu miżjudi ma’ daww elenkati fl-Anness II(1) tad-Direttiva:

L-isem komuni	Schultz	CI	DFG	Il-Formola jew id-deskrizzjoni kimika
L-Orċein issulfonat	—	1758	—	Il-Melħ tal-kalċju ta’ l-orċein issulfonat

L-Artikolu 4

Għandhom isiru l-emendi li ġejjin għall-Anness III mad-Direttiva:

- L-ewwel paragrafu tat-taqsim A għandu jiġi ssostitut b’li ġej:

“Għajr jekk ipprovdut b'mod ieħor fil-kriterji speċifikati fit-Taqsima B il-materjali koloranti riferiti fl-Anness I huma meħtieġa li jissodisfaw il-kriterji tal-purezza: li ġejjin:”

— Wara n-Nru E 141 għandu jiġi miżjud dan li ġej:

“E 150 - il-karamella

In-nitroġenu-ammonja:	mhux iktar minn 0,5 % stabbilit skond il-metodu <i>Tillmans-Mildner</i> ⁽¹⁾
Id-diossidju tal-kubrit:	mhux iktar minn 0,1 % stabbilit skond il-metodu <i>Monier-Williams E. W.</i> ⁽²⁾
Il-pH	mhux inqas minn 1,8
Il-Fosfati:	mhux iktar minn 0,5 % espressi bħala P_2O_5

⁽¹⁾ Beythien-Diemair, *Laboratoriumsbuch*, is-7 Edizzjoni, p. 151.

⁽²⁾ “Il-mod kif jiġi stabbilit id-diossidju tal-kubrit fl-ikel, Dip. tas-Saħħa Pubblika u tas-Suġġetti Mediċi Nru 48, il-Ministeru tas-Saħħa, Londra 1927.

— Taħt in-Nru E 181 il-kliem “ikkomputati fuq il-bażi ta’” għandu jiġi ssostitwit bil-kliem “espressi bħala”.

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom hekk jemendaw il-liġijiet tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ta’ hawn fuq hekk illi sal-31 ta’ Diċembru 1966 li l-miżuri l-ġodda japplikaw għall-materjali koloranti u għall-oġġetti ta’ l-ikel imqiegħda fis-suq.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta’ Ottubru 1965.

Għall-Kunsill

Il-President

E. COLOMBO